

Brussell, 15 ta' Marzu 2018
(OR. en)

7165/18

SOC 141
EMPL 103
ECOFIN 239
EDUC 99

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Marzu 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6570/18 + COR 1	
Suġġett:	L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2018 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Marzu 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2018, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Marzu 2018.

L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2018

Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. Is-sitwazzjoni soċjali u tal-impjiegi qed tkompli tmur għall-aħjar b'mod kostanti, minkejja li għad hemm diskrepanzi konsiderevoli fl-Istati Membri u bejniethom.
2. Fl-UE, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 7.3% (u 8.7% fiż-żona tal-euro) f'Novembru 2017. L-impjiegi qabżu l-quċċata li laħqu qabel il-kriżi bi 2.1% fit-tielet kwart tal-2017, u l-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-qgħad fit-tul qed ikomplu jonqsu. Madankollu, tal-ewwel għadu 16.7%, u tal-aħħar jirrappreżenta kważi nofs il-qgħad totali f'xi Stati Membri. It-tnejn għadhom ta' sfida sinifikanti f'għadd ta' Stati Membri.
3. Il-mira tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' rata tal-impjieg ta' 75% għall-irġiel u n-nisa jista' jkun ser tintlaħaq, minkejja li għadd ta' Stati Membri ser ikollhom jagħmlu titjib konsiderevoli biex jilħqu l-miri nazzjonali tagħhom. B'mod partikolari, hemm bżonn li tizzied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Id-distakk bejn is-sessi fil-qasam tal-impjiegi ma nbidilx: minkejja li hemm varjazzjonijiet konsiderevoli bejn l-Istati Membri, ir-rata tal-qgħad fl-UE kollha għan-nisa hija ta' 66.4%, meta mqabbla ma' 78% għall-irġiel fit-tieni kwart tal-2017.
4. Id-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi kompli jizzied u issa laħaq il-quċċata tal-2009 għall-UE, prinċipalment minħabba aktar ħolqien ta' impjiegi, u fuq livell aktar limitat minħabba ż-żidiet fil-pagi. Madankollu, id-dħul disponibbli tal-unitajiet domestiċi għadu inqas mil-livelli ta' qabel il-kriżi f'għadd ta' Stati Membri. Il-proporzjon ta' nies fir-riskju tal-faqar jew tal-eskluzzjoni soċjali kompli jonqos u issa laħaq il-livell li kien fl-2008. Dan prinċipalment minħabba t-tnaqqis sinifikanti fir-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema u s-sehem tal-popolazzjoni li jgħix f'unitajiet domestiċi (kważi) bla xogħol.

5. Minkejja din ix-xejra pożittiva l-għadd totali ta' nies fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadu ta' livell għoli ħafna: 118-il miljun persuna jew 23.5% tal-popolazzjoni totali fl-2016 (22.5% għall-irġiel u 24.4% għan-nisa). Dan jagħtina x'nifhmu li l-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-mira ta' Ewropa 2020 li tneħħi mill-inqas 20 miljun persuna mir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.
6. Hemm deterjorazzjoni kontinwa fl-intensità u persistenza tal-faqar f'għadd ta' Stati Membri, u sinjali ta' deterjorazzjoni fl-adegwatezza tal-benefiċċji soċjali, kif tixhed iż-żieda fir-riskju tal-faqar għan-nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi bla xogħol jew kważi bla xogħol. Il-persistenza tal-inugwaljanzi relattivament kbar fid-dħul, spiss marbuta mal-opportunitajiet mhux indaqs fl-aċċess għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għall-protezzjoni soċjali, u li jirriflettur rżultati ħżiena tas-suq tax-xogħol, tqajjem tħassib kbir ħafna f'termini ta' inklużjoni soċjali u ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli. It-tfal għadhom partikolarment vulnerabbli, peress li aktar minn 25 miljun jew 26.4% għadhom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2016.
7. L-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali ħadu dejjem aktar prominenza fiċ-ċikli reċenti tas-Semestru. Il-proklamazzjoni reċenti tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali kompliet enfasizzat l-importanza tad-dimensjoni soċjali tal-UE. L-għan tal-Pilastru hu li jservi bħala gwida lejn rżultati effiċjenti fl-impjiegi u fil-qasam soċjali meta jiġu indirizzati l-isfidi attwali u futuri li għandhom il-mira diretta li jaqdu l-bżonnijiet essenzjali tan-nies, u lejn l-iżgurar tat-twettiq u ta' implimentazzjoni aħjar tad-drittijiet soċjali. Il-Pilastru jservi ta' boxxla għal approċċ komuni għall-protezzjoni u l-iżvilupp tad-drittijiet soċjali u l-promozzjoni tal-konverġenza soċjali 'l fuq.

FILWAQT LI JENFAZZA LI

8. Tkabbir ekonomiku kontinwu wassal għal aktar titjib fis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol. Il-ħolqien tal-impjiegi qed ikompli b'ritmu sod. Madankollu, ma hemm l-ebda lok għal kompjaċenza u għandha tinkiseb konverġenza 'l fuq tar-rżultati tal-impjiegi u dawk soċjali. Għaldaqstant, tintlaqa' l-kontinwità tal-prioritajiet ta' politika tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, b'mod partikolari l-konċentrazzjoni fuq l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali u fuq it-trianglu virtuż tal-ispinta għall-investiment, il-kisba ta' riformi strutturali u l-iżgurar ta' politiki fiskali responsabbli.

9. Is-sigħat li jinħadmu għal kull impjegat żdiedu b'rata aktar baxxa b'mod sinifikanti mil-livelli tal-impjieg. Ix-xogħol part-time u temporanju involontarju għadu għoli. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol għadha problematika ħafna f'għadd ta' Stati Membri, minkejja li hemm eteroġeneità konsiderevoli min-natura tagħha. Iż-żieda fil-pagi għadha baxxa u għad hemm faqar konsiderevoli tal-impjegati. Għalhekk, il-konċentrazzjoni fuq il-kwalità kif ukoll il-kwantità ta' impjegi, li tindirizza l-faqar tal-impjegati, hija importanti.
10. Id-dinja li qed tinbidel tax-xogħol titlob edukazzjoni moderna u politiki ta' hili, u għalhekk tintlaqa' ħafna l-konċentrazzjoni kbira fuq dawn kemm fis-SAT kif ukoll fir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għall-2017. L-isfidi partikolari li għandha l-UE jinkludu l-korrelazzjoni kbira tar-riżultati edukattivi u l-isfondi soċjoekonomiċi u tal-migranti, il-parteċipazzjoni baxxa fit-tagħlim tul il-ħajja, l-ispariġġ fil-ħiliet u, f'xi każijiet, in-nuqqas ta' forza tax-xogħol b'ħiliet adegwati. Il-forom ġodda ta' xogħol li qed ifeġġu u l-għadd dejjem akbar ta' transizzjonijiet fil-karrieri jistgħu wkoll jitolbu modernizzazzjoni kontinwa tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali sabiex il-ħaddiema kollha, irrispettivament mill-istatus fl-impjieg tagħhom, jitħarsu u jkunu jistgħu jaċċettaw b'mod sħiħ l-opportunitajiet li jfeġġu, bħal dawk li jġibu magħhom id-diġitalizzazzjoni u l-ekonomiji soċjali u ekoloġiċi.
11. In-nisa jirrappreżentaw potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat fis-suq tax-xogħol; il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol għandha tkun appoġġata minn politiki moderni ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għan-nisa u l-irġiel, inkluż l-aċċess għal servizzi għall-indukrar tat-tfal ta' kwalità u affordabbli u għal xogħol flessibbli, it-tneħħija, fejn rilevanti, tad-diżinċentivi fiskali għal dawk bit-tieni sors ta' dħul, u t-tnaqqis tad-distakk bejn il-pagi tan-nisa u l-irġiel.
12. Xi gruppi għadhom mhumieq integrati biżżejjed fis-suq tax-xogħol, li jfixkel il-kisba ta' żidiet futuri fir-rata tal-impjieg. Hemm sfidi partikolari b'rabta mal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza legali, il-ħaddiema akbar fl-età, il-qgħad fit-tul u l-persuni b'diversi żvantaġġi, persuni b'diżabbiltajiet u dawk b'livell baxx ta' ħiliet. Il-bżonnijiet speċifiċi ta' dawn il-gruppi, fejn rilevanti, għandhom jiġu indirizzati fis-suq tax-xogħol ġenerali u fil-politiki soċjali. Approċċ ibbilanċjat għall-protezzjoni soċjali u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol għandhom rwol importanti x'jaqdu fl-indirizzar ta' din il-problema.

13. L-investiment soċjali u l-approċċi preventivi huma essenzjali għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-individwi kollha li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija, biex b'hekk jiġu żgurati riżultati soċjali aħjar u jitrawmu r-reżiljenza u l-produttività ekonomiċi. Protezzjoni soċjali effettiva u effiċjenti tikkontribwixxi għall-inklużjoni soċjali u s-salvagwardja tal-istandards tal-għajxien, u tipprevjeni l-faqar u l-inugwaljanzi. Għal dawk fl-età tax-xogħol li huma esklużi mis-suq tax-xogħol u li jistgħu jaħdmu, appoġġ adegwat fid-dħul għandu jingħaqad ma' servizzi soċjali ta' kwalità u ma' appoġġ għar-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż politiki attivi tas-suq tax-xogħol imfassla apposta. Għal dawk li ma jistgħux jaħdmu, għandu jingħata appoġġ adegwat għall-inklużjoni soċjali. L-appoġġ fil-parteeipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol għandu jimxi id fid mal-politiki għall-promozzjoni tal-bilanċ modern bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u mal-aċċess għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal. L-approċċi preventivi u l-intervent bikri għandhom jintużaw biex inaqqsu s-sehem ta' tfal fir-riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali u biex jitkisser iċ-ċiklu tal-faqar minn ġenerazzjoni għal oħra.
14. Il-bidla demografika ser tibqa' toħloq sfidi kbar li jeħtieġ li jiġu indirizzati. L-adeqwatezza tal-pensjoni jeħtieġ li tkun garantita filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjoni. Iż-żidiet reċenti fl-etajiet tal-irtirar u d-disponibbiltà ta' arranġamenti ta' xogħol aktar flessibbli għenu biex tiżdied il-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema akbar fl-età, iżda għad irid isir aktar. Pensjonijiet supplementari u tfaddil ieħor għall-irtirar jistgħu wkoll jaqdu rwol pożittiv fxi Stati Membri. Dawn il-miżuri jeħtieġ li jiġu akkumpanjati minn miżuri addizzjonali bħal: politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; il-modernizzazzjoni tal-ambjenti tax-xogħol filwaqt li jiġu salvagwardati kondizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità; sensibilizzazzjoni aħjar fost dawk li jħaddmu; u arranġamenti aktar flessibbli għat-transizzjonijiet għall-irtirar. Jenħtieġ li r-riformi tal-kura fit-tul ikollhom l-għan li jiksibu sostenibbiltà għall-kura fit-tul adegwata, affordabbli u ta' kwalità u l-aċċess għaliha. L-aċċess għal kura tas-saħħa preventiva u kurattiva affordabbli ta' kwalità tajba hija wkoll kruċjali biex tittrawwem popolazzjoni b'saħħitha u attiva u tinkiseb prosperità ekonomika. Għandha tingħata attenzjoni għad-disseminazzjoni tal-informazzjoni, biex jitħeġġeġ l-aċċess adatt u ugwali għall-kura tas-saħħa.
15. Djalogu soċjali effettiv li jqis il-kuntest u l-prassi nazzjonali huwa essenzjali biex tiżdied is-sjeda kondiviża tat-tfassil tal-politiki. Is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti fil-waqt u b'mod sinifikanti fil-proċess tas-Semestru.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JAPPELLA

LILL-ISTATI MEMBRI:

- biex jirriflettu fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u jimplimentaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi tagħhom¹
- biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż għall-2017
- biex iżidu l-isforzi tagħhom fil-kisba tal-miri tal-Ewropa 2020
- biex jibbażaw fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kif tintuża fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2018 u li ser tkompli tiġi rfinata, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali biex jiggwidaw l-isforzi ta' konverġenza tagħhom, fejn adatt.

LILL-KUMMISSJONI:

- biex iżżomm il-konċentrazzjoni tagħha fuq il-kwistjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali fis-Semestru Ewropew
- biex tiżgura li l-kwistjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali kif ukoll l-impatti jitqiesu b'mod adatt fil-valutazzjoni tal-politiki tal-Istati Membri
- biex ikollha djalogu attiv mal-Istati Membri dwar is-sett ta' indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, b'rispett sħiħ tad-diviżjoni tal-kompetenzi

LILL-EMCO U LILL-KPS

- biex jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali f'qafas fit-tul għal azzjoni fil-livell tal-UE skont il-Proklamazzjoni tal-Pilastru u skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017

¹ EUCO 19/1/17 REV1

- biex ikomplu bil-ħidma tagħhom fuq is-sorveljanza multilaterali u tematika u l-valutazzjoni komparattiva, u bil-monitoraġġ min-naħa tagħhom tas-sitwazzjonijiet tal-impjiegi u dawk soċjali fl-Istati Membri permezz tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali kif tintuża fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2018 u li ser tkompli tiġi rfinata, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali biex jagħtu lill-Kunsill bażi ta' evidenza għad-diskussjonijiet fil-proċess tas-Semestru Ewropew
- biex ikomplu jaħdmu mal-Kummissjoni fuq l-irfinar tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, b'mod partikolari fil-qasam tas-swieq tax-xogħol dinamiċi u tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti, bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għall-2019
- biex jaħdmu mill-qrib ma' Kumitati konsultattivi u partijiet oħrajn, b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat tal-Edukazzjoni, il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika f'Livell Għoli u n-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, biex b'hekk tiġi żgurata kunsiderazzjoni bbilanċjata tal-kwistjonijiet ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew
- biex ikomplu jaħdmu mill-qrib mas-sħab soċjali Ewropej għall-promozzjoni ta' djalogu soċjali effettiv kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.
